# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Mejju, 2018**

**Rikors numru 9/10 JD**

**Numru 1**

**Carmel Spiteri f'ismu proprju u bħala mandatarju tal-imsiefer ibnu Garry Spiteri; Tereza mart l-istess Carmel Spiteri; Rita xebba Spiteri; Maria xebba Spiteri; u l-istess Carmel u Tereza konjuġi Spiteri bħala leġittimi rappreżentanti ta' binthom minuri Giovanna Spiteri**

**v.**

**Baskal Saliba**

1. B'rikors ġuramentat preżentat fis-26 ta' Jannar, 2010 l-atturi ħarrku lill-konvenut fejn talbu lill-qorti sabiex tikkundannah iħallas id-danni wara inċident tat-traffiku li seħħ fis-7 ta' Ottubru, 2007 fi Triq Għajn Qatet, Rabat, Għawdex meta Sammy Spiteri, li kien qiegħed isuq il-vettura EAW-599, ħabat fi krejn li kien hemm fit-triq u proprjeta` tal-konvenut. Fl-inċident Sammy Spiteri tilef ħajtu. L-atturi jsostnu li l-inċident seħħ tort tal-konvenut peress li ma kellux permess tal-Kunsill

Lokali biex ipoġġi l-krejn fit-triq in kwistjoni u wkoll ma ttieħdu l-ebda prekawzjonijiet u miżuri skont il-liġi sabiex jassiguraw li sewwieq li jkun għaddej fl-istess triq ikun jista' jinduna bil-periklu li kien hemm fit-triq.

2. Il-konvenut wieġeb li l-inċident seħħ unikament minħabba traskuraġni, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tal-liġi minn Sammy Spiteri.

3. B'sentenza tat-18 ta' Ġunju, 2013 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali ddeċidiet:

> "1. Tiddikjara illi għar-raġunijiet fuq spjegati għall-inċident de quo kienu jaħtu nofs bin-nofs Sammy Spiteri u l-konvenut;
>
> 2.Tillikwida għalhekk l-istess danni, kemm materjali kif ukoll fil-kwalita' ta' lucrum cessans, sofferti mill-istess atturi u kkaġunati mill-istess konvenut minħabba l-inċident hawn fuq imsemmi kif fuq deċiż fl-ammont ta' mija u għaxart elef ewro tliet mija u tnax u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€110,312.73);
>
> 3.Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-atturi d-danni sofferti fl-ammont ta' mija u għaxart elef ewro tliet mija u tnax u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€110,312.73) bl-imgħax legali jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza".

4. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti biex tikkonkludi li l-konvenut u l-vittma kienu t-tnejn responsabbli ghall-incidenti fi grad indaqs, huma:

i. 'Il fatt li kien hemm nuqqas ta' sinjali li hemm krejn fit-triq, u ma kienx hemm *barriers*.

ii. Il-veloċita eċċessiva u s-sewqan taħt l-influwenza ta' droga u alkoħol minn Sammy Spiteri.

5. B'rikors preżentat fit-8 ta' Lulju, 2013 il-konvenut appella mis-sentenza. L-aggravji huma:

   i. b'applikazzjoni tal-liġi l-ewwel Qorti ma setgħet qatt tasal għall-konklużjoni li l-konvenut kellu xi responsabbilta` għall-inċident.

   ii. id-danni likwidati huma eċċessivi.

6. Permezz ta' tweġiba preżentata fid-9 ta' Settembru, 2013 l-atturi taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud. Ipproponew ukoll appell inċidentali. L-aggravji huma:

   i. Sammy Spiteri ma kellu l-ebda responsabbilta` għall-inċident. Bil-mod li l-krejn kien armat fit-triq, Sammy Spiteri ma setax jarah. Kull ma kien hemm mal-krejn kienet bozza ttepptep u xejn iktar. Il-krejn lanqas ma kien imdawwar f'*enclosure*. Inoltre, Sammy Spiteri miet mgħaffeġ taħt blokki tal-konkos li kien hemm fuq il-krejn. Il-kawża tal-mewt ma kinitx id-daqqa mal-*outrigger* izda l-blokki tal-konkos li waqgħu minn fuq il-krejn.

   ii. dwar id-danni li llikwidat l-ewwel Qorti.

7. Permezz ta' tweġiba preżentata fis-27 ta' Jannar, 2014 il-konvenut ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

8. Il-qorti semgħet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

9. Il-kawża hi dwar inċident tat-traffiku li seħħ fis-7 ta' Ottubru, 2007 għal ħabta tal-4:00 ta' filgħodu fi Triq Għajn Qatet ir-Rabat, Għawdex, meta l-vettura Mitsubishi Lancer bin-numru EAW-599 ħabtet f'*outrigger* ta' *self erecting crane* li kienet intramat fit-triq il-ġurnata ta' qabel. Bid-daqqa l-krejn għeleb u fuq il-vettura waqgħu blokki tal-konkos li kien hemm fuq l-istess krejn bħala *counterweight*. Sammy Spiteri, li kien qiegħed isuq il-vettura, tilef ħajtu. M'hemmx persuni li raw l-inċident iseħħ.

10. Mill-provi rriżulta li:-

- fl-inkjesta maġisterjali li saret dwar l-inċident irriżulta li, "*The Blood Alcohol level was 106mg/100ml; this blood level is higher than the legal limit of 80mg/100ml for driving in Malta. The drug Methylenedioxymethamphetamine (MDMA, Ecstasy) was found in blood (2.7mg/l) … … … At the time of the accident, the deceased was in all probability under the influence of alcohol and ecstasy*"[1]. Prova kuntrarja mhemmx. Irriżulta wkoll li l-kampjuni tad-demm li fuqhom saru t-testijiet kienu ttieħdu waqt l-awtopsja, l-għada tal-inċident[2].
- il-konvenut ma kellux permess biex jarma l-krejn fil-post fejn kien armat fil-ħin tal-inċident. Sabiex jintrama l-krejn fit-triq kien hemm bżonn permess skont ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li Jeħtieġu Permess Mill-Kunsill Lokali (Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04).
- ma kienx hemm *enclosure* li ddawwar il-bażi tal-krejn.
- il-krejn kellu biss *beacon light* waħda fuqu. Mill-provi ma rriżultax minn kemm distanza 'l bogħod wieħed seta' jara dak id-dawl.

1 Rapport tal-Professur M. Sammut li għamel ir-rapport tossikoloġiku.

2 Ara deposizzjoni ta' Dr Ali Safraz u Dr Michael Refalo fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fid-9 ta' Lulju, 2009.

- bl-impatt tal-vettura mal-krejn, waħda mill-bażi tas-saqaf tqaċċtet u l-krejn għeleb.
- ma kienx hemm *brake marks*.
- it-triq li fiha seħħ l-inċident hi fid-dritt.
- fejn seħħ l-impatt it-triq wiesgħa ċirka 11.1 metri.
- Skont il-manwal tal-krejn (ara parti *Technical Description* (1)), id-distanza minn sieq għal oħra hi ta' 3.3 metri. Dan ifisser li jekk it-tarf tas-saqajn tpoġġew ma' gemb il-bankina, il-bażi tal-krejn kienet qiegħda tokkupa wisa' ta' 3.3 metri mit-triq. Mir-ritratt numru 4 *a fol*. 85 jidher li kien hemm sieq tal-krejn ma' ġemb il-bankina. F'dan ir-rigward ukoll, Paul Scicluna xehed: "… … … nikkonferma illi fejn kien hemm il-krejn hemm bankina. Is-sieq tal-krejn kienet tmiss mal-bankina"[3].
- L-inċident tat-traffiku seħħ f'żona abitata.

11. Mill-provi ma jirriżultax dakinhar tal-inċident minn liema post kien telaq il-vittma, kemm kien ilu jsuq u fejn kien sejjer.

12. Skont l-inġinier David Abela, espert inkarigat fl-inkjesta maġisterjali[4],

> *"5. In my opinion,* ***the yellow hazard flashing light was not enough*** *to indicate that there is such an obstacle in the road and this is aggravated by the fact that there is little street lighting in the area.*
>
> *6. It is also my opinion that in such cases of a crane being erected in a road, albeit at the side,* ***the crane should be better illuminated at night. Especially with this type of crane a solid barrier (e.g. concrete barriers) should surround and protect the base of the crane****. Otherwise the road should be closed to vehicular traffic.*
>
> *7. This type of crane – the self erecting type – is much less stable than the type of cranes with a solid base in the sense that* ***if it loses just one of its 'feet' it becomes totally unstable****.*

3 *Fol*. 115.

4 *Fol*. 82 tal-atti tal-inkjesta maġisterjali.

> *8. From the fact that the leg of the crane was completely dislodged from its base and the holding pin completely sheared means that the impact was very strong.* ***This indicates that the speed of the car at the moment of the impact was rather high****".*

13. Il-konvenut poġġa krejn fi triq pubblika, li minnu nnifsu kien periklu għas-saħħa u siġurta' tal-utenti tat-triq. Il-konvenut kellu *duty of care* fil-konfront tat-terzi. Meta jiġi biex jitpoġġa krejn fi triq pubblika, irid ikun hemm attenzjoni massima. Fil-fehma tal-qorti fil-każ in eżami, il-konvenut kiser id-dmir li kellu meta:-

i. poġġa l-krejn fit-triq mingħajr il-permess li titlob il-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04. Skont dik il-liġi hu l-Kunsill Lokali li jiddeċiedi jekk per eżempju l-krejn għandux jibqa' fil-post wara nżul ix-xemx.

ii. naqas milli jdawwal b'mod adegwat il-krejn b'tali mod li jkun viżibbli għall-vetturi. Fil-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident, kien hemm żewġ fanali fl-għoli fuq in-naħa l-oħra tat-triq (ara ritratti a fol. 98), b'dawl fl-isfar. Dawl li żgur li ma jistax jiġi deskritt bħala *bright light*. L-uniku dawl li poġġa l-konvenut kienet *beacon light* żgħira li taħdem bil-batterija u itteptep. Din kienet imwaħħla ma waħda mill-*outriggers* tal-krejn, xi pied 'il fuq mill-art. Dan żgur li ma jistax jitqies bħala dawl biżżejjed li jagħti avviż lis-sewwieqa bil-preżenza ta' krejn fit-triq. Hu minnu li probabbilment il-vettura kellha d-dawl mixgħul. Pero' mhux magħruf jekk fil-ħin tal-inċident il-vettura kellhiex mixgħula l-*low beam light* jew *bright*.

iii. Ma jirriżultax li qabel poġġa l-krejn fit-triq il-konvenut għamel *risk assessment* sabiex jiġi determinat x'miżuri ta' sigurta`

hemm bżonn li jittieħdu. Il-konvenut kien jaf li matul il-lejl kien ser iħalli l-krejn armat fil-post. Kellu jkun jaf ukoll li matul il-lejl fit-triq ma kienx hemm dawl qawwi. *Risk assessment* kellu jieħu in konsiderazzjoni x'dawl ikun hemm matul il-lejl f'dik il-parti tat-triq. Mhemmx prova li sar eżerċizzju simili.

iv. Naqas milli jdawwar il-krejn b'*enclosure*. Fil-manwal tal-krejn jingħad:

> *"It is necessary to arrange an enclosure placed a m 0.7 around the ballast slewing radius to avoid the people access and the materials laying in the slewing area.*
>
> *The enclosure must isolate all the concerned area and must be provided with a lock access".* [5]

*Enclosure* li fuqhom għandhom jitpoġġew sinjali ta' sigurta` li jagħtu avviż adegwat lit-traffiku tal-preżenza ta' oġġett goff li qiegħed jokkupa parti mit-triq.

14. Irrispettivament mill-fatt li bil-krejn xorta kien hemm biżżejjed spazju minn fejn jgħaddu l-vetturi, bil-prezenza tal-krejn armat fi triq pubblika kien hemm periklu manifest fit-triq. Fir-rigward tal-konvenut l-ewwel Qorti qalet li l-konvenut, "ikkontribwixxa għall-mewt tal-istess Sammy Spiteri". Mhemmx dubju li l-fatt li l-konvenut ingombra parti mit-triq f'żona abitata b'krejn li naqas milli jdawwal b'mod suffiċjenti għal matul il-lejl, kompla jżid il-periklu. Dan iktar u iktar peress li l-krejn innifsu ma kellu l-ebda protezzjoni mad-dawra tiegħu. Mhuwiex għall-qorti biex tgħid x'kellu jitpoġġa bħala protezzjoni. Pero' meta tikkunsidra d-diżinn tal-krejn u l-fatt li l-krejn tħalla armat fit-triq matul il-lejl, kien altru milli prevedibbli li l-krejn jista' jegħleb jekk karozza

5 Ara paragrafu 1.12.

taħbat fih. Jidher li l-konvenut għadu mhuwiex jifhem li l-krejn tpoġġa fit-triq u mhux f'sit ta' kostruzzjoni.

15. Ġialadarba l-konvenut iddeċieda li jarma krejn fejn mhux suppost għamlu, kellu d-dmir li jiżgura li l-krejn ikun imdawwal b'mod suffiċjenti. Kien altru milli previdibbli li matul il-lejl dak il-krejn kien ser ikun ta' periklu għall-vetturi. Il-konvenut xehed:

> "Nikkonferma li d-dawl waħħaltu fuq il-*plate* tas-sieq. Għalhekk bejn wieħed u ieħor xi għoxrin (20) pulzier 'l fuq mil-livell tat-trqi. Id-dawl jiena norbtu b'katina. Ma niftakarx kemm hu l-prezz ta' dan id-dawl, pero bejn wieħed u ieħor xi għaxar liri Maltin (Lm10)".

*Beacon* waħda ta' dak il-prezz żgur li ma kinitx biżżejjed biex isservi ta' avviż ta' sigurta` lis-sewwieqa meta tqis il-kobor tal-krejn u li l-*beacon* tpoġġiet kważi mal-art. Il-konvenut m'għandux raġun jipprova jfarfar ir-responsabbilta` billi jargumenta li, bid-dawl tal-vettura, il-vittma kellu jara li hemm krejn fit-triq. Id-dmir kien fuq il-konvenut li jdawwal il-krejn b'mod suffiċjenti sabiex is-sewwieqa jindunaw bl-ostakolu li hemm fit-triq, f'distanza ferm qabel minn fejn kien il-krejn. Jekk hemm bzonn kellhom isiru *advanced warning signs* biex xufier jingħata avviż ċar li hemm ostakolu fit-triq. Wara kollox l-iskop ta' sinjali ta' sigurta` hu li jattiraw l-attenzjoni dwar il-prezenza ta' periklu b'mod malajr u li wieħed jifhem x'inhu l-periklu. F'dan ir-rigward hi rilevanti wkoll dak li xehdet waħda mir-residenti ta' dik it-triq, fil-proċeduri kriminali, li kien għal ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu li semgħet ħoss 'qisu ta' terremot';

> "Jiena ħriġt nittawwal għax peress li għandi t-tifel jaħdem DJ bżajt illi huwa kien nesa illi ramaw dan il-*crane* u ħabat fih. Meta ttawwalt fil-fatt jiena rajt illi kien hemm il-*crane* maqlub fuq karozza".[6]

6 Fiela Attard, seduta tas-16 ta' April, 2009.

Kliem li fih innifsu jikonferma l-periklu li kien hemm fit-triq.

16. L-atturi argumentaw li Sammy Spiteri miet għaliex il-blokki tal-konkos ma kinux marbutin kif suppost. L-inġinier Abela xehed:

> "Il-*blocks* tal-konkrit għandhom żewġ toqob u jibqgħu deħlin f'dawn il-*guides*. Għalhekk meta jkunu tqiegħdu dawn il-*blocks* tal-konkos f'dawn il-*guides*, jekk jegħleb it-*tower crane* dawn il-*blocks* tal-konkrit mhux suppost li jaqgħu" .

Hu fatt li meta l-krejn għeleb il-blokki tal-konkos ma baqgħux f'posthom. Pero' l-qorti mhijiex tal-fehma li hemm prova li kieku kien hemm dak li l-espert irrefera għalihom bħala *guides*, probabbilment il-blokki tal-konkos ma kinux ser jolqtu lill-vittma. Fir-rapport tiegħu lanqas ma jissemma dan il-fatt. Dan apparti li lanqas mhemm prova li dak li l-espert tekniku rrefera għalihom bħala *guides* kienu parti mill-istruttura tal-krejn in kwistjoni.

17. Min-naħa l-oħra t-triq li fiha seħħ l-inċident qiegħda fl-abitat. Il-veloċita massima f'dik it-triq kienet ta' ħamsin kilometru fis-siegħa (50km/s). Inoltre t-triq hi kwazi ghal kollox dritta. Dan apparti li rriżulta li l-vittma kien qiegħed isuq meta kien taħt l-effett ta' alkoħol u droga.

18. Probabbilment il-vettura ħabtet fil-krejn għaliex il-vittma ma rahx. Tant hu hekk li ma nstabux *brake marks* wara l-vettura. Jidher li l-impatt tal-vettura mal-krejn kien wieħed vjolenti, tant li tqaċċtet il-bażi ta' waħda mill-*outriggers*. Prova li tindika li l-vettura kienet qegħda tinstaq b'veloċita ferm iktar minn dik ta' 50km/s. Il-fatt li l-vittma kien qiegħed isuq taħt l-effett tal-alkoħol u droga u b'veloċita iktar milli suppost, huma fihom infushom prova sodisfaċenti li ma kellux kontroll totali tal-vettura.

19. Għalkemm l-atturi jimminimiżżaw dawn iċ-ċirkostanzi, il-qorti m'għandha l-ebda dubju li kien hemm negliġenza kontributorja minnaħa tal-vittma. Hu d-dmir ta' sewwieq ta' vettura li jkollu kontroll sħiħ tal-vettura u jsuq b'veloċita li jippermettilu li jevita kollizzjoni. F'dan il-każ il-vittma naqas minn dak id-dmir.

20. Għal dik li hi responsabbilta`, l-atturi jsostnu li l-konvenut "... għandu jinstab ħati waħdu biss għal dan l-inċident li fih miet Sammy Spiteri", filwaqt li l-konvenut isostni li ma seta' qatt jinstab responsabbli għall-inċident. Aggravji li ġew miċħuda. Għaldaqstant, mhemmx lok li l-qorti tikkunsidra jekk hemm bażi biex tirrevedi l-grad ta' responsabbilta` kontributorja kif determinat mill-ewwel Qorti.

21. Għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni, iż-żewġ partijiet ressqu aggravju. L-ewwel Qorti kkalkolat id-danni, billi ħadet in konsiderazzjoni:

i. salarju ta' €13,816.15 fis-sena;

ii. perjodu ta' 35 sena;

iii. tnaqqis ta' 25% għall-*own consumption*;

iv. tnaqqis ta' 33% minħabba nuqqas ta' dipendenza;

v. tnaqqis ta' 10% minħabba l-*lump sum payment*.

22. Għalhekk l-ammont ġie kkalkolat:-

€13,816.15 x 35 sena = €483,565.25 – 25% (konsum mill-mejjet) - 33% (*dipendenza*) - 10% (*lump sum payment*) = €218,692.39.

23. Kemm l-atturi u l-konvenut jilmentaw dwar is-salarju li fuqu saru l-kalkoli. Wieħed jista' ma jaqbilx mal-ewwel Qorti dwar il-mod kif waslet għal dik iċ-ċifra. Jibqa' l-fatt li f'dan ir-rigward l-ewwel Qorti bilfors trid teżereċita element qawwi ta' diskrezzjoni, meħud in konsiderazzjoni l-istat ta' inċertezza minħabba t-tul ta' snin li fuqhom saru l-kalkoli. Meta tqis li l-kalkoli saru fuq perjodu ta' 35 sena, probabbilment is-salarju kien ser jiżdied kull tant żmien. Meta l-qorti tqis is-salarju gross tal-vittma (€8,000 f'sena) u l-*multiplier* ta' 35 sena, hi tal-fehma li l-kalkoli li saru fuq salarju ta' €13,816.15 mhuwiex eċċessiv u lanqas ftit.

24. L-atturi jsostnu li:

> "... skont ma xehed Raymond Vella (l-imgħallem tad-*decuius*) s-somma kienet tiġi fl-ammont ta' €11,507.10 fis-sena (Lm19 kuljum eskluż is-Sibt u l-Ħadd). Bl-*extra* li huwa kien jirċievi kull xahar fl-ammont ta' €116.47c wieħed jasal għall-ammont ta' €12,904.73c fis-sena. Fil-ħajja kulħadd jipprova jtejjeb il-posizzjoni tiegħu. Hija xi ħaġa barra minn hawn li tul iż-żmien, dawn it-€12,904.73c fis-sena jitilgħu għal €20,000 fis-sena jew iktar?"

25. Fil-fehma tal-qorti l-aħjar prova tad-dħul li Sammy Spiteri kellu fiż-żmien l-inċident, hu d-dokument *a fol.* 24. Għal dak li jirrigwarda l-argument tal-atturi li l-kalkoli messhom saru fuq salarju ta' €20,000, il-qorti ma taqbilx. Meta tikkunsidra li l-ewwel Qorti għamlet il-kalkoli fuq salarju ta' €13,816 għall-perjodu kollu ta' 35 sena u meta l-aħjar prova hi li fi żmien l-inċident il-vittma kellu salarju ta' €8,000, il-qorti hi tal-fehma li kalkoli fuq salarju annwali ta' €13,816 hu adegwat. Dan iktar u iktar meta tqis li mhemmx provi li l-vittma kellu xi sengħa jew kwalifiki.

26. Il-konvenut argumenta wkoll li l-vittma kien għadu żgħir fl-eta u li 'taħt ċirkostanzi normali' kien jiżżewweġ u jkollu t-tfal. Għalhekk ippropona li t-tnaqqis dwar il-grad ta' dipendenza għandu jiġi awmentat għal

50%, sabiex tkopri l-eventwalita' taż-żwieġ. Argument li ma jsib l-ebda konfort fil-ġurisprudenza. Dan apparti li mhuwiex magħruf x'kien jagħmel il-vittma kieku baqa' ħaj, u l-qorti ma tarax li għandha toqgħod tispekula. Dan iktar u iktar meta fl-atti mhemm l-ebda tagħrif dwar il-ħajja privata tal-vittma.

27. Min-naħa tagħhom l-atturi jsostnu:

> "Il-kwistjoni tal-*own consumption* u tad-*dependancy*. Ir-rikorrenti ma jaqblux li dawn l-ammonti għandhom jonqsu. L-ewwel nett, dawn l-ammonti ma humiex indikat fil-liġi iżda daħlu *tramite* xi sentenzi mill-Qrati tagħna. Fuq dan il-punt hemm ukoll sentenzi li ma ġewx appellati u li jgħidu li dawn l-ammonti ma għandhomx jitnaqqsu mis-somma likwidata. Ir-rikorrenti jissottomettu umilment li jekk dawn iż-żewġ riduzzjonijiet jiġu applikati f'każijiet ta' mewt, allura tista' faċilment tinħoloq sitwazzjoni fejn id-danni likwidati f'każ ta' mewt ikunu anqas minn dawk likwidati għall-sempliċi diżabilita' permanenti naxxenti mill-istess fatt. Jiġifieri nispiċċaw naslu biex ngħidu li aħjar toqtol persuna milli tikkawżalu debilita permanenti. Dan ma għandux ikun l-għaliex il-liġi ma tagħmilx din id-distinzjoni u l-Qorti, bid-dovut rispett, m'għandhiex tagħmlu hi".

28. Dak li qegħdin jipprospettaw l-atturi żgur li ma japplikax għal dan il-każ. F'każijiet bħal dawn jiġu likwidati d-danni li sofrew l-membri tal-familja li huma werrieta tal-mejjet. Fil-fatt l-azzjoni tal-atturi hi bażata fuq il-premessa li:

> "5. Illi kawża tal-istess inċident hawn fuq imsemmi, l-atturi li huma l-eredi tal-istess Sammy Spiteri sofrew danni kemm materjali kif ukoll fi kwalita' ta' *lucrum cessans*, li għalihom huwa responsabbli l-istess konvenut".

29. L-atturi jippretendu wkoll li f'dan l-istadju din il-qorti għandha terġa' tnaqqas il-perjodu relatat mal-*lump sum payment*, sabiex b'hekk ikun ittieħed in konsiderazzjoni l-perjodu kemm ilu pendenti l-appell. Fis-sentenza tat-18 ta' Ġunju, 2013 il-konvenut diga' ġie kkundannat iħallas l-imgħax mid-data tas-sentenza. Għalhekk mhemmx bżi sabiex isir xi tnaqqis ulterjuri ladarba l-atturi sejrin ikunu qegħdin jircievu l-imghax mid-data tal-ewwel sentenza.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u l-appell inċidentali u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-18 ta' Ġunju, 2013. Spejjeż tal-appell huma a karigu tal-konvenut filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali huma a karigu tal-atturi.

Giannino Caruana Demajo
Aġent President

Noel Cuschieri
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm